MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 689/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**ROY STEER CHETHAM ta' 49 sena, iben Roy u Jane nee' Camilleri, imwieled l-Awstralja nhar is-06.04.1962, residenti fil-fond Block 1, Flat 10, Binja Ghenieq, Flats Indipendenza, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0187193M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Roy Steer Chetham** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' April, 2006, u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm2,700.00 bi hsara ta' Ray Galea.

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, jew billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' aktar minn Lm2,700.00 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Ray Galea.

Rat li ma' l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel xhud kien fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur Joseph Cordina li xehed dwar rapport li hu rcieva minghand certu Ray Galea li l-imputat kellu l-inkarigu li jigborlu reklamar biex johrog magazine. Dan Ray Galea skond ix-xhud kien qed jagixxi f'isem is-socjeta' Phone Direct. Skond Galea dan ir-reklamar kellu jithallas lill-imputat, u dan kellu jghaddi l-flus lil Ray Galea. Galea qal lill-Ispettur illi dan ir-reklamar fil-fatt gew ordnati u ppubblikati, pero l-flus qatt ma waslu, anzi sab illi l-klijenti kollha kienu hallsu lill-imputat. L-Ispettur Cordina anke ha stqarrija lill-imputat, li pero ttiehdet bla ma dan gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat.

L-ewwel xhud ghalhekk kien Ray Galea nnifsu, dan xehed bhala managing director tas-socjeta' Phone Direct Limited. Spjega li din is-socjeta' kienet kumpanija li kienet taghmel publishing u distribution, cioe' tippubblika magazines, u taghmel xoghol ta' flyers, mail shots. Xehed illi ghamel rapport lill-pulizija talli gie ffrodat is-somma ta' circa Lm2,700.00 ghal xoghol li sar lil Smart Supermarket. Xehed illi ghamlilhom booklet u ghal dan huwa qabbad lill-imputat biex ibiegh ir-riklami, pero wara sitt xhur induna li l-flus qatt ma waslu ghandu. Spjega li d-diretturi ta' Smart qabbdu lis-socjeta' Phone Direct Ltd biex jipprintjawlhom booklet. Is-socjeta' kienet ukoll inkarigata barra mill-printing, tad-design u tad-distribution. Xehed illi kien jaf li Chetham kellu l-esperjenza f'dan il-kamp, u ghalhekk qabbdu bhala salesman ghax kellu aktar esperjenza fuq il-linja ta' l-ikel. Ghalhekk qabbad lil Chetham bhala salesman ghal dan l-iskop. Tah 10% commission. Dan sar bi ftehim verbali. Ghalhekk fi kliemu xehed illi lill-imputat tah il-booklet, order forms, anzi l-uzu tal-VAT number tas-socjeta' Phone Direct. Qal illi Chetham il-booklet bil-bejgh tar-reklamar kwazi mlieh wahdu. Il-booklet fil-fatt gie printed il-Gutenberg f'Gunju 2005. Hallas Lm2,200.00 lil

Gutenberg tal-printing, Lm1,000.00 tad-distribution, designing Lm300.00 - dan barra commission dovuti lil Chetham, telephones u order forms u pagi.

Qal illi l-ftehim ma' Chetham kien li kellu jhallsu meta dan jigbor il-flus. Xehed illi ghaddew anke tlett xhur u hu baqa' jcempel lil Chetham, pero dan qata' minn mieghu ghal kollox. Qal illi kif ghaddew disghin(90) gurnata kien cempel lil Chetham, dan qallu li hadd kien ghadu ma hallsu, ghalhekk talbu li jaghtihom tletin gurnata ohra credit. Dan il-booklet fil-fatt kien hareg fit-3 ta' Lulju. Xehed illi sadanittant beda anke joqrob il-Milied u f'Novembru rega' talab il-flus lill-imputat, l-ammont kollu kien ta' Lm5,600.00. Qal illi l-imputat wiegbu fin-negattiv, allura Galea ddecieda li jigri huwa wara l-klijenti debituri, circa erbgha u ghoxrin klijent. Ghalhekk biex jigri wara flusu ghamel l-ewwel telefonata lil Edible Oil, dawn kellhom kont ta' Lm463.00. Qalulu li kienu hallsu lil Roy Steer Chetham f'Awwissu ta' qabel, cioe' hames xhur qabel. Ghalhekk tramite s-segretarja tieghu skopra li Chetham kien lehaq gabar is-somma ta' Lm2,900.00, anke li hareg invoices fuq ismu bl-indirizz tal-kompetitur tieghu tal-Bargain Magazine. Sahansitra baqghu pendenti Lm600.00 mal-VAT li Chetham baqa' ma hallasx.

In kontro ezami rritjena li ghalkemm hu lil Cheteham offrielu li jahdem mieghu, dan ghazel li jahdem freelance. Qal illi dawk in-nies li lehaq kellem, sahansitra baghtulu kopji ta' cheques li hallsu bihom fuq invoices li pproduca Chetham, mhux dik li kien tah hu tal-Phone Direct.

Dwar il-lista tal-klijenti li kellhom jirreklamaw fil-booklet, ma qabilx ma' l-Avukat Difensur li din kien gabha minghand Chetham, izda xehed illi tahielu certu Steve Garret, marketing manager ta' l-istess Smart Supermarket. Din il-lista taha lil Roy Steer Chetham. Xehed illi minghand l-imputat huwa ma kienx ha one cent (folio 35).

Gie prezentat ukoll il-Memorandum and Articles tas-Socjeta' Phone Direct Limited, folio 150 – 209, Dok PD, li

juri fil-fatt illi Ray Galea kien fil-fatt id-direttur tas-socjeta’ msemmija.

Xehdet certa Doris Bonett, direttrici ta’ Smart Supermarket. Qalet illi s-supermarket kien ghamel booklet bir-reklamar u ghal dan kienu qabbdu lil Ray Galea, bl-arrangament li 70% tar-reklamar kien ta’ Smart Supermarket, u 30% kien f’idejn Ray. B’dawn it-30% Ray Galea ghalhekk kellu jkopri l-ispejjez tal-booklet. Xehdet illi l-ftehim sar minnha u minn huha Victor Grech ma’ Ray Galea. Xehdet illi l-ftehim kien “*Ahna ftehmna li jipproduci dan il-ktieb, ahna ma nhallsu xejn u hu jigbor l-ispejjez. Basta jaghmel 70% minnu reklami ghalina taghna ta’ Smart Supermarket, u 30% jaghmilhom li jrid hu.*” (folio 29) Innegat li fuq dan il-booklet hi (Smart Supermarket) kellha xi ftehim ma’ Roy Steer Chetham. Lanqas qalet ma kienu nvoluti huma min kien ser ikun l-advertising co-ordinator ta’ dan il-booklet, lanqas involviment fuq il-printing u distribution tieghu. Ghaliha ghal dan il-ktieb kien responsabbli Ray Galea, daqstant iehor ghall-advertising tieghu. Mistoqsija min kien responsabbli jigbor it-30% l-ohra tar-reklamar, wiegbet “*Fil-kaz taghna Ray Galea ghax ahna lil Ray Galea qabbadna ghall-ktieb.*” (folio 45) Qalet ukoll illi hi lil Chetham dwar dan il-kaz qatt ma kienet kellmitu.

Xehed ukoll Steve Garrett, marketing manager fl-Smart Supermarket. Ezebixxa l-booklet in kwistjoni bhala Dok SG, folio 55 – 66. Dwar dan qal illi l-ftehim sar ma’ Ray Galea li kellu jkun responsabbli li jipprintja certu ammont ta’ kotba. Irrepeta li 70% ta’ dan il-ktieb kellu jkun iddedikat lil Smart Supermarket u s-servizzi taghhom, u li l-kumplament jingabru reklamar biex ikopru l-ispejjez tal-ktieb. Ikkonferma li l-agreement sar ma’ Ray Galea u ma’ hadd izjed.

Xehed illi hu kien involut fil-hrug tal-booklet, pero qatt ma kien sar ftehim skritt, kollox verbali. Qal illi Roy Steer Chetham kien jafu ghax kien sales executive mal-kumpanija, li qabel kien jiehu hsieb il-booklet, pero mbaghad il-kumpanija (Smart) qabbdet lil Ray Galea. Ghalhekk skond dan ix-xhud apparentement mar ibiegh ir-

riklami ma' Galea wkoll, dan ovvja hawn qed jixhed fil-konfront ta' Chetham.

Misotqsi ghala fuq pagna tlieta tal-booklet (Dok SG) kien hemm imnizzel l-isem ta' Roy Steer Chetham, wiegeb illi dan ikun nizzlu min ikun ipprintja l-booklet, ghalih Ray Galea.

Joseph Grech, xhud li jahdem Phone Direct ma' Ray Galea, qal bil-gurament illi hu qatt ma kien ra lill-imputat qabel. Kellu l-inkarigu li jigbor il-flus dovuti lill-kumpanija bhala reklamar li sar fuq booklet ta' l-Smart. Ikkonferma fil-fatt illi kien qieghed jigbor il-flus in konnessjoni mad-dokument SG. Xehed illi dan il-booklet kien tahulu Ray Galea u minn hawn kien irrizultalu li seba' klijenti kienu tal-Phone Direct, u disgha hallsu, skond l-informazzjoni li tawh l-istess klijenti stess, lil Roy Steer Chetham. Ezebixxa din l-informazzjoni bhala Dok G, folio 75 – 76.

Frans Zammit, ukoll impjegat mal-kumpanija Phone Direct, xehed illi hu kien iltaqa' ma' l-imputat meta kien fl-ufficju qed jitkellem ma' Raymond Galea fuq commission ta' 10% koncernanti reklamar. Xehed illi dan kien reklamar li kellu jsir fuq magazine li hu stess qassam fis-South fl-ewwel gimgha ta' Gunju. Qal ukoll illi fil-kors tal-konversazzjoni li sema', Steer Chetham kien insista li l-flus tar-reklamar kien ser jigborhom hu.

Xehdet ukoll Catherine Galea, mart id-direttur Ray Galea, tahdem din bhala segretarja fis-socjeta' Phone Direct. Xehdet dwar okkazjoni fejn Roy Steer Chetham, l-imputat, kien mar ghandhom biex jahdem bhala sales representative maghhom biex isir publications ta' l-Smart. Il-ftehim mieghu kien ta' 10% fuq ir-reklami li kien igib. Xehdet illi kien Roy Steer Chetham li nsista li jigbor il-flus hu. Semghet fil-fatt lil zewgha jghid lil Roy Steer Chetham illi meta jigbor il-flus kien ser jiehu 10% fuqhom. Qalet illi fil-fatt lanqas beda jaghtihom il-booking orders, tant illi kienu jcemplulu u jghidilhom li kien nesihom u li kien ser jibaghtilhom tramite e-mail. Xehdet li dawn qatt ma kienu waslu. Prezentat il-booking order li fil-fatt ghamlu huma,

cioe' l-kumpanija, Dok CG folio 90. Allegat li fil-fatt Roy Steer Chetham iffalsifika l-booking orders.

Dwar il-booking order xehdet illi Roy Steer Chetham kellu jmur ghand il-klijenti, jibbukkja r-reklami, u mbaghad jaghtihom lill-kumpanija.

Qalet illi darba li beda jigi pprintjat il-ktieb u allura kienu saru s-sales, bdew icemplulu ghall-flus, pero qallhom Roy Steer Chetham li kien ghadu ma gabar xejn. Qalet illi saru jafu minghand klijent li dan fil-fatt kien hallas lil Roy Steer Chetham. Hawn qabbdu debt collector, certu Joe Grech.

Xehdet illi l-flus li kellu jigbor l-imputat kienu jappartjenu lil Phone Direct u minnhom jiehu 10%. Qalet illi Roy Steer Chetham qatt ma tahom lura l-booking orders li fuqhom huma kellhom johorgu l-invoices. Qalet illi saret taf min kienu l-klijenti meta bdew jaraw l-art work. Qalet illi Phone Direct, cioe' l-kumpanija, kienet hallset kemm il-printing kif ukoll id-distribution tal-booklet.

Tonio Farrugia jahdem mal-kumpanija Rimus Trading Agency bhala sales manager. Xehed illi kien l-imputat li kien bieghlu l-advertising. Kien Roy li kien kellmu dwar il-booklet u mieghu kien innegozja l-prezzijiet. Mistoqsi jekk kienx qallu f'isem min kien qieghed jaghmel in-negozju, dan ix-xhud wiegeb illi hu fehem illi kien qieghed ibieghlu hu, tant illi ma kienx jidhirlu li kien hemm xi kumpanija nvoluta. Qal illi l-flus hallashom lil Roy Steer Chetham. Gharaf il-ktieb Dok SG bhala dak li rreklama fuqu. Dwar kif jaf lil Ray Galea, qal illi kien jafu biss ghax dan kien cempillu fuq kwistjoni ta' pagamenti li kellu ma' Roy Steer Chetham.

Denise Formosa Gruppetta tahdem mal-Vodafone Malta Limited, ezebiet l-invoice li saret fuq Roy Steer Chetham ghar-riklam li ghamlu fuq Smart Loyalty Magazine. Xehdet illi s-socjeta' harget purchase order fuq Roy Steer Chetham, kif ukoll kopja fuq Phone Direct Limited. Hallsu lil Roy Steer Chetham. Xehdet anzi illi l-ewwel invoice harget fuq is-socjeta' Phone Direct, pero din giet ikkancellata ghax Roy Steer Chetham kien fil-fatt qallhom

biex johorgu l-pagament fuqu. Dawn gew ezebiti bhala Dok DFG, folio 104 – 108.

Xehed ukoll Dr Peter Caruana Galizia in rapprezentanza tas-socjeta’ Attard & Co Ltd, u bhala direttur ta’ l-istess kumpanija xehed dwar negozju li sar mill-kumpanija sussidjarja Attard & Co Food Stuffs Limited, dwar negozju ta’ advertising ma’ magazine li johorgu Smart Supermarket. Ikkonferma li hallsu b’cheque Lm206.50 a favur ta’ Roy Steer Chetham. Anke kkonferma l-firma tieghu fuq dan ic-cheque ezebit bhala Dok PCG, folio 121.

Anthony Psaila, in rapprezentanza ta’ l-Edible Oil, xehed illi fis-sena 2005 kien gie avvicinat minn Victor Grech ta’ l-Smart Supermarket. Kien dan infurmahom li kienu qabbdu lil Clayton Communications Ltd biex jiehdu hsieb advertising leaflet. Ikkonferma li mbaghad anke gie kkuntattjat minn Roy Steer Chetham dwar l-istess, ghalkemm qal illi ma kienx jaf liema giet l-ewwel, ghalkemm iz-zewg korrispondenzi kienu jaghmlu referenza ghal xulxin, foio 128 – 130. Ikkonferma li kienu fil-fatt ibbukkjaw xi reklami fuq booking order mahruga minn Roy Steer Chetham, tant li anke il-hlas kien sar fuqu, dejjem bil-hsieb li huma kienu qeghdin jahdmu mas-socjeta’ Clayton Communications (folio 131 – 134).

Fiona Ciappara, in rapprezentanza ta’ Island Beverages, ukoll xehdet fuq il-leaflet Dok SG. Xehdet illi Chetham kien mar ghax-xoghol ikellimha fuq reklamar, pero l-kumpanija ma kienet ghamlet xejn. Qalet illi qatt ma ltaqghet ma’ Chetham minn naha ta’ l-Smart, pero kien introducielha t-tabloit ta’ l-Smart Supermarket. Murija dokument JC ezebit a folio 141, din ix-xhud ikkonfermat li dan kien sales invoice mibghut lis-socjeta’ li maghha tahdem, minn Roy Steer Chetham ghall-ammont ta’ Lm247.80 rigwardanti Smart Loyalty Publication. Ikkonfermat ghalhekk illi fil-fatt kienu ghamlu advert ma’ l-Smart Loyalty Publication ta’ Lulju, pero li ma kinitx hi li ghamlet dan. Ikkonfermat pero li meta hadet handover minghand certu Jose’ Bonello, dan kien semmielha lil certu Roy Steer Chetham.

In rapprezentanza tas-socjeta' Charles Darmanin Company Ltd xehed certu James Camilleri. Ikkonferma li xi sentejn qabel l-imputat kien mar ghal sponsors fuq xi event minghandhom, cioe' minghand is-socjeta'. Xehed ghalhekk dwar il-leaflet tas-socjeta' Smart. Anke kkonferma li huma rreklamaw f'dan il-leaflet u li l-kumpanija hallset ghal dan versu l-ammont ta' Lm175.00 u VAT. Dan il-hlas skondtu sar lil Roy Steer Chetham. Ezebixxa ghalhekk id-dokumenet PC a folio 214 – 215 li juri l-istess pagament.

Joseph Vella xehed in rapprezentanza tas-socjeta' Beta Pharma. Gharaf fuq id-dokument SG ir-riklam tas-socjeta' taghhom. Qal illi r-riklam thallas billi tnaqqsu mill-flus li Smart Supermarket kellu jaghti lill-kumpanija taghhom, cioe' sar set off.

Daniel Camilleri xehed bhala finance and administration manager mas-socjeta' Communique Creative - din hija agenzija tar-reklamar. Qal illi r-Rimus Riley riedu jirreklamaw fuq il-leaflet ta' l-Smart. Hawn agixxew ta' intermedjarji, allura skondtu bejn il-klijent taghhom Rimus Riley u min kien qieghed jaghmel ir-reklam. Hallsu ta' dan lil Roy Steer Chetham. Hallsuh is-somma ta' Lm315.95 tramite cheque. Ikkonferma li hallas dawn il-flus tar-reklami Mr Riley u tar-Regal li jidhru fuq id-dokument SG. Ipprezenta bhala dokumenti l-ewwel booking li hargu mill-kumpanija Phone Direct, folio 247, pero kompla jixhed illi sussegwentement kellu booking sales agreement li ntbaghtet minn Roy Steer Chetham u anke rcevew l-invoice minghand Roy Steer Chetham, folio 246 – 248, tant illi xehed illi huma qatt ma rcevew minghand il-Phone Direct. Giet ezebita anke kopja (image) tac-cheque li bih thallas Roy Steer Chetham versu l-prezz ta' Lm315.95.

Alice Cuschieri dak iz-zmien ukoll kienet tahdem mas-socjeta' Communique Creative Advertising Agency, kienet tahdem fis-section ta' l-account. Kienet taf lil Roy Steer Chetham dak iz-zmien. Xehdet illi l-imputat kien jiehu hsieb xi magazine ta' Phone Direct u kien imur ghandhom biex jaghtuh ir-riklami. Qalet (minghaliha) li kienu hallsuh b'cheque fuq ismu.

Steve Calleja, direttur tas-socjeta’ Strand Palace, ukoll gie muri d-dokument SG a folio 65. Ikkonferma li kien qieghed isib reklami tad-ditta Galbani li kienu jimpurtaw huma. Ghalhekk ikkonferma r-riklam fuq il-magazine ta’ Smart Supermarket. Ikkonferma wkoll illi kien iddilja ma’ Roy Steer Chetham tant illi kien l-istess Chetham li kien tahom l-invoice u kienu hallsuh is-somma ta’ Lm330.40. Ezebixxa ghalhekk Dok SC folio 257.

In kontro ezami qal illi hu lil Chetham kien jafu through Smart Supermarket meta nfurmawhom li kienu ser johorgu magazine. Xehed ukoll illi f’dan il-kaz la qatt kien sema’ bil-kumpanija Phone Direct, u lanqas b’Ray Galea.

Charlene Agius xehdet fil-konfront ta’ Irisil Limited. Taf lill-imputat meta kienet tahdem ma’ Phone Direct, kienet fil-fatt segretarja ma’ Raymond Galea. Skondtha xoghol Chetham kien li jdur fuq barra jigbor reklami minn hwienet u advertising companies, umbaghad huwa jaghmilhom f’booklet.

Xehed ukoll Victor Grech in rapprezentanza tas-socjeta’ Smart li taghha kien direttur. Ikkonferma li hu lil Chetham kien itih ix-xoghol, cioe’ li dan kellu jigbor l-advertising u jippublika l-ktieb, b’dan illi huwa (Smart) ma kienx jinkorri ebda spejjez ghall-istess ktieb. Ikkonferma li l-arrangament dejjem sar ma’ Chetham.

Brian Grima xehed in rapprezentanza tal-HSBC li kkonferma li anke din is-socjeta’ rreklamat fil-magazine ta’ l-Smart, pero c-cheque ghal hekk kien minnhom pagabbli direttament lil Smart, u li huma ma ddiljawx ma’ xi agenziji ta’ reklamar.

Xehdet ukoll certa Alison Bezzina. Qalet illi hi fiz-zmien ta’ l-akkuza kienet brand manager ma’ Vodafone Ltd. Xehdet illi kienet taf lill-imputat tramite Smart Supermarket, dan fir-rigward ta’ Loyalty Scheme Brochere li fuqhom is-socjeta’ kienet tirriklama. Gharfet l-email lilha murija (folio 108) u kkonfermat li f’din il-istanza kienet is-socjeta’ Phone Direct li kienet inkarigata mil-printing tal-brochure.

Xehdet illi l-pagament kien inhareg fuq id-ditta Phone Direct, pero anke li kien hemm cans illi l-pagament sar fuq Roy Steer Chetham c/o Phone Direct Limited.

Neil Pavia xehed fil-konfront tas-socjeta’ Clayton Communications Limited. Qal illi l-imputat kien fil-fatt fiz-zmien impjegat mieghu bejn 2004 – 2006. Fil-konfront ta’ Smart Supermarket ikkonferma li kien l-imputat li kien gabu bhala klijent u kien johroglu l-leaflet taghhom, ghalhekk Chetham kien jigbor ir-riklami. Mieghu l-imputat ukoll kien jiehu paga u commission. Dan il-printing skond ix-xhud, sar darbtejn ghal Smart Supermarket.

Maghluqa l-provi, rat ukoll l-Artikoli mibghuta taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija fil-konfront ta’ l-imputat, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Fl-Artikoli 18, 293, u 294, u 301 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. Fl-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Moqrija l-artikoli l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (fol 417).

Ikkonsidrat

Illi mill-provi hawn fuq prodotti, certament minn imkien ma jirrizulta xi tip jew hjiel ta’ falsifikazzjoni li jwassal ghar-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ebda skrittura fil-fatt ma giet ezebita li tista’ b’xi mod turi xi bdil, alterazzjoni, jew tqarriq fiha. Lanqas ma gie kostitwit

ir-reat ta’ frodi aggravat jew semplici taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rispettivament. Jekk Chetham qarraq b’xi hadd dwar kif ottjena r-riklami, ghal min u f’isem min, dan certament ma jirrizultax b’mod car. Manka certament b’mod lampanti l-elementi teatrali li trid il-Ligi, dak li jwassal ghall-ingann li jinduci l-qliegh. Ghalhekk Roy Steer Chetham qieghed jigi liberat in kwantu ghar-reati kkontemplati taht l-Artikoli 183, 184, 308, u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha l-ohra pero jirrizulta b’mod car illi Roy Steer Chetham kien qieghed jigbor riklami b’isem Phone Direct. Dan jirrizulta mill-maggoranza tax-xhieda li b’certezza qalu li r-reklamar kien qieghed isir ma’ din is-socjeta’, pero Chetham sussegwentement hareg l-invoices fuqu, u anke rcieva l-pagamenti fuqu, li pero naqas illi jghaddi lis-socjeta’ meta kienu lilha dovuti in kwantu kien qieghed jikkomerca f’isimha. Dan iwassal b’mod skjett ghar-reat ta’ misappropprijazzjoni indebita kkontemplat, anke minhabba l-valur dovut taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. In kwantu l-azzjonijiet tal-imputat certament jirriflettu dak li trid il-ligi fl-artikolu 293 Kap 9 li jghid :

*“ Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata*
*jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd*
*tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinstab ħati, i-lpiena*
*ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista’ jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.”*

Certament ukoll l-imputat gabar il-flus dovuti lis-Socjeta’ Phone Direct fl-ambitu ta’ dak li trid il-ligi fl-artikolu 294 Kap 9 li jghid:

“*Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar Artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati*

*minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni,*
*kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni*
*kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta’ priġunerija”.*

Dwar il-piena regghet fuq ordni taghha stess semghet lil Raymond Galea id-Direttur tas-Socjeta’ leza (vide verbal tas-seduta 30.11.2011). Dan xehed fil-konfront tal-iskrittura esebita a folio 223-225 tal-atti li maghha esebixxa affidavit a fol 226, li pero frankament f’dawn il-proceduri ma jsib ebda valur probatorju. Mill-istess skrittura jirrizulta illi Raymond Galea f’ismu personali u bhala direttur tas-socjeta’ Phone Direct Limited ittransiga l-ammonti lilu dovuti minghand Roy Steer Chetham a saldu tal-pretensjonijiet tal-proceduri in dezamina. Nonostante cio’ meta rega’ tela’ jixhed fuq ordni tal-Qorti fl-ahhar seduta hu lmenta li l-imputat kien ghad fadallu jaghtih is-somma ta’ ‘l fuq minn elf lira Maltin mertu ta’ din il-kawza, dan ghaliex fil-fatt l-iskrittura ma kinitx tirrifletti s-somma reali misapproprjata.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tkun hi li tiddisturba l-ftehm civili li sar bejn l-imputat u s-Sur Raymond Galea li, kif xehed hu stess, iffirma l-istess skrittura fuq parir tal-Avukat tieghu. Ghaldaqstant dwar il-piena, wara li ssib il-htija ai termini tal-artikolu 293, 294 tal-Kapitlu 9 kif gia’ premess, qieset anke l-hlas li sar kif su riferit qieghda tikkundanna lil Roy Steer Chetham ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba’(4) snin wara li rat l-Artikolu 28 A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------